# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' April, 2016**

**Talba Nru: 650/2015/VG**

**Joanna CARUANA [ID 318365M]**

**vs**

**Joseph SAMMUT [ID 136968M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-10 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf u hames mitt euro [€1,500.00c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lir-rikorrenti Joanna Caruana is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500), jew somma ohra verjuri, oltre l-imghax legali, rapprezentanti flus mislufa lill-konvenut permezz ta' skrittura datata sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema ammont intrabat li jhallsu lura lill-attrici sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Dicembru tas-sena

elfejn u erbatax (2014) (kopja ta' l-iskrittura hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A').

Illi nonostante interpellat ihallas diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2015, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-26 ta' Novembru, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi l-ammont pretiz gie pacut ma' amonti ohra dovuti mill-attrici in lenia tal-valur ta' slimming/messages machine u diversi prodotti tas-sbuhija tad-ditta "Deadsea" konsenjati lil attrici".

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016 Dr. Pauline Lanzon iddikjarat li r-rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2016 la deher l-intimat u lanqas deher l-avukat difensur tieghu.

Ra li Dr. Pauline Lanzon talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza.

Ra li t-Talba ġiet differita ghal-lum ghall-provi kollha tal-intimat u fin-nuqqas sabiex tinghata sentenza.

Ra li ghas-seduta tal-lum l-intimat rega ma deherx u lanqas ma deher l-avukat difesnur tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf u hames mitt euro [€1,500.00] rapprezentanti somma mislufa lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha pprezentat fis-7 ta' Jannar, 2016 li l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat ghalkemm fir-risposta tieghu ressaq l-eccezzjoni li l-ammont pretiz mir-rikorrenti gie pacut, ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward u lanqas ma deher ghall-ebda wahda mis-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal, inkluz is-seduta tal-lum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u hames mitt euro [€1,500] bl-imghax li jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**